# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 t'April, 2001**

**Numru 19**

**Cit. Nru. 471/01 GCD**

**Pollo D'Oro Limited**

**Vs**

**Super Master Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' Lm20,105.62 (ghoxrin elf mija u hames liri Maltin u tnejn u sittin centezmu) rapprezentanti somma bilancjali dovuta lis-socjeta` attrici ghall-merkanzija konsistenti f'poultry products (statement anness mac-citazzjoni Dok. "B") mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta gewwa s-Super Master Discount Store;

Illi s-socjeta` konvenuta ghad li giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti, anzi hallset parti mill-ammont pretiz permezz ta' cekk li meta pprezentat il-bank ma giex onorat (kopja annessa mac-citazzjoni Dok. "C");

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur ta' l-artikolu 167 – 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u in vista ta' l-affidavit anness mac-citazzjoni (Dok. "A") a tenur ta' l-istess artikoli tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167 – 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm20,105.62 (ghoxrin elf mija u hames liri Maltin u tnejn u sittin centezmu) rapprezentanti ammont bilancjali dovut lis-socjeta` attrici ghall-merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-mandat ta' qbid numru 843/01 CX prezentat kontestwalment mac-citazzjoni u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Philip Loporto u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

Cm